MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 54/2005

**Avviz numru 54/05DM**

**Sonia Cilia La Corte ID 98666(M)**

**Vs**

**Claude Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attrici talbet il-kundanna tal-konvenut, sabiex jaghmel dak ix-xoghol rimedjali kemm fil-fond tal-konvenut bl-isem ta’ ‘Casa Esmeralda’, Triq il-Qaliet, Marsascala u kemm fil-fond ta’ l-attrici bl-isem ‘Maison’, Triq il-Qaliet, Marsascala, kif ukoll ihallas id-danni kkagunati fil-fond ta’ l-attrici ghal dak li jirrigwarda hsarat li huma rreparabbli u dana stante illi l-imsemmija hsarat gew ikkagunati unikament mill-konvenut u dana kemm skond rapport tekniku tal-Perit Arkitett Robert

Sarsero (Dok. 'SC1' anness ma' l-Avviz) u hekk kif tipprova l-istess attrici waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 7 ta' Settembru, 2004, (Dok. 'SC2' anness ma' l-Avviz), u bl-imghax kontra il-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ai fini ta' kompetenza, qed jigi ddikjarat mill-attrici illi d-danni ma jeccedux is-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecceppixxa illi:

1. L-azzjoni odjerna hi ntempestiva billi l-konvenut qatt ma gie nterpellat biex ihallas xi danni jew biex jaghmel xi xogholijiet rimedjali kif qed jigi mitlub li jaghmel fl-Avviz odjern.
2. Preliminarjament ukoll l-azzjoni odjerna hi preskritta bit-trepass ta' sentejn *ai termini* ta' l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, ma hux minnu li l-konvenut ikkaguna xi danni fil-fond ta' l-attrici jew li jrid jaghmel xi xogholijiet rimedjali kif qed jigi mitlub.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut ipprezentata fis-26 ta' Settembru, 2005;

Rat it-twegiba ta' l-attrici pprezentata fit-28 ta' Settembru, 2005;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tal-15 ta' Gunju, 2005, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi bit-tieni eccezzjoni minnu sollevata, il-konvenut qed jopponi ghat-talba attrici, il-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jiddisponi illi l-azzjonijiet ghall-hlas ta’ danni mhux ikkagunati b’ reat jaqghu bi preskrizzjoni b’ gheluq ta’ sentejn ; ghalhekk hu essenzjali illi fl-ewwel lok jigi stabbilit iz-zmien partikolari li fih l-attrici soffriet id-danni minnha allegati.

Fil kaz in kwistjoni id-danni illi qed tilmenta minnhom l-attrici huma danni illi qeghdin jigu kkawzati minhabba perkolazzjoni ta’ ilma li jista’ jkun provenjenti mill-fond proprjeta’ tal-konvenut Cassar kollox skond rapport peritali dettaljat tal-Perit Robert Sarsero, esebit bhala dokument SC 1 a fol 2 tal-process.

Dan ir-rapport kien gie redatt fis-7 ta’ Marzu, 2002 wara accessi relattivi li saru fil-fondi in kwistjoni fit-tlett ijiem ta’ qabel. Ghalhekk jirrizulta illi d-danni illi minnhom qeghdha tilmeta l-attrici gew riskontrati zgur f’ Marzu tas-sena 2002, pero’ kif jirrizulta mir-relazzjoni u d-deposizzjonijiet tal-Perit Robert Sarsero dan mhux kaz fejn minhabba xi accident partikolari ipperkola ilma f’ okkazzjoni wahda biss u kkawza umdita’ li ghadha prezenti fil-hitan tal-fond ta’ l-attrici, izda jirrizulta illi l-perkolazzjoni ta’ ilma u konsegwenti umidita’ fil-fond ta’ l-attrici huwa allegatament rizultat ta’ difetti fil-kostruzzjoni tal-bini tal-konvenut u l-perkolazzjoni ta’ l-umidita’ hija kontinwa, bil-hsarat kontinwament accentwati u, kif anke jirrizulta mid-deposizzjoni ta’ l-istess Perit Sarsero, fin-nuqqas ta’ ebda xogholijiet rimedjali din l-umidita’ qed tizdied u l-hsara qed tkompli tikber u ghadha tavvera ruhha anke waqt il-mori ta’ din il-kawza.

Ghaldaqstant billi dan huwa kaz ta’ danni li huma kontinwament u kuljum qed jigu accentwati u qed jizdiedu ma jistax jinghad illi dawn l-istess danni avveraw ruhhom f’certu zmien partikolari ; ghalhekk ghar-rigward tat-talba ta’ l-attrici kif giet interposta f’ dan l-avviz, ma’ tistax tibda tiddekorri l-preskrizzjoni hlief minn dak iz-zmien illi fih isir xoghol rimedjali, tieqaf il-perkolazzjoni ta’ l-ilma u

konsegwenti umidita' u jkunu jistghu jigu dak in-nhar ikkwantifikati d-danni sofferti.

Billi kif diga inghad jirrizulta illi dawn id-danni ghadhom qeghdin jigu ripetuti u accentwati anke sa wara li giet intavolata l-kawza odjerna, jirrizulta illi l-perjodu ta' preskrizzjoni ghadu ma' ddekorriex u konsegwentement il-Qorti qeghdha tichad it-tieni eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Bl- spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------